MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 288/2008

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B, fejn din wara li ppremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fit-2 ta' Jannar 1971 gewwa Rahal il-Gdid, certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A';

Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied, D E li twieldet fit-22 ta' Jannar 1974 u F B li twieled fit-18 t'Ottubru 1977 ilkoll dunque maggorenni;

Illi l-hajja konjugali tal-kontendenti saret impossibbli minhabba sevizzi, eccessi, minacci, ingurju gravi, vjolenza psikologika da parti tal-intimat zewgha fil-konfront ta' martu r-rikorrenti b'rizultat li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment;

Illi r-rikorrenti ilha ma tisma' b'ahbar zewgha ghal aktar minn tlett (3) snin u dan wara li l-intimat cioe' zewgha abbanduna d-dar matrimonjali kif ukoll qata' kull kuntatt mal-familja tieghu b'kull mod possibbli, tali li r-rikorrenti m'hiex konxja ta' fejn jista' jkun qed jabita zewgha l-intimat;

Illi wara diversi tentattivi sabiex isir maghruf fejn qed jirrisjedi l-intimat ukoll waqt is-seduti mhollija ghall-medjazzjoni, il-proceduri tal-medjazzjoni kellhom jinghalqu wara li l-intimat qatt ma attenda;

Illi r-rikorrenti taf li zewgha kellu u ghad ghandu relazzjoni adultera ma' mara ohra ta' nazzjonalita' estera li l-identita' taghha hija indikata minn korrispondenza minn Bank ewlieni f'Malta fejn hemm indikat isem u ammont ta' flus addepositati mill-intimat a favur din il-persuna barranija;

Illi kull tentattiv li sar mir-rikorrenti ghal separazzjoni konsenswali falla minhabba l-abbandun tal-intimat mid-dar matrimonjali kif ukoll illi huwa qata' kull kuntatt mal-familja tieghu;

Illi waqt dan il-perjodu ta' abbandun effettiv mid-dar konjugali, cioe' tlett snin, ir-rikorrenti qatt ma rceviet xi tip ta' manteniment mill-intimat zewgha, u kienu uliedha illi ikkontrebixxew ghal ghajxien taghha;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, titlob ir-rikorrenti sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B ghar-ragunijiet premessi cioe' l-abbandun totali tieghu minn mal-familja, adulterju, u nuqqas ta'

manteniment lill-istess rikorrenti, liema premessi huma unikament imputabbli lill-intimat;.

Tillikwida, tiffissa u tordna lill-intimat ihallas manteniment xieraq u adegwat tenendo conto taz-zmien kollu li l-intimat ilu li abbanduna lir-rikorrenti martu kif ukoll lil familtu, liema manteniment ikun pagabbli u dovut lejn ir-rikorrenti;

Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti okkorrendo b'opera ta' perit nominandi u tillikwida l-beni formanti li ghandha tinqasam f'zewg partijiet mhux necessarjament ugwali b'tali mod li jirrifletti l-ammont dovut ta' manteniment lir-rikorrenti tali li jekk ikun il-kaz, l-intimat jitlef kull jedd li ghandu ghal nofs l-akkwisti;

Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircevi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-intimat fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att u billi tinkludi fis-sehem spettanti lir-rikorrenti sehem l-intimat mid-dar matrimonjali tal-kontendenti;

Tawtorizza lir-rikorrenti li tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-intimat u taghti kull provvediment xieraq u opportun ghal dan l-iskop;

Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti l-effetti kontemplati fl-Artikolu 48 et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Taghti kull provvediment iehor skond ic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat a tenur tal-Art. 187 (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, dan baqa' ma wegibx.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Permezz ta' din il-kawza, l-attrici qed titlob lill-Qorti tippronunzja s-separazzjoni taghha minn ma zewgha ghal diversi ragunijiet, fosthom l-abbandun da parti tal-konvenut.

Il-partijiet f'din il-kawza izzewgu fis-sena 1971. Il-problemi fiz-zwieg bdew jinqalghu wara xi tletin sena, meta, wara xi snin ta' hajja ambigwa l-konvenut telaq mid-dar kompletament u qatt ma rega' ghamel kuntatt ma' martu. L-ulied taz-zwieg, li huma t-tnejn maggorenni, jikkonfermaw pjenament dak li tirrakkonta ommhom dwar iz-zwieg taghha, partikolarment l-abbandun komplet wara snin ta' bruda u hajja misterjuza.

Jirrizulta ukoll illi minn meta telaq ghal kollox mid-dar konjugali, il-konvenut qatt ma ghadda ebda forma ta' sostenn finanzjarju lil martu. Anzi, xi tlett elef lira li kellha depozitati l-bank f'isimha ttiehdu mill-istess Bank biex jaghmlu tajjeb ghad-dejn li halla mal-Bank.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti hi tal-fehma li t-talba attrici ghas-separazzjoni personali bi htija tal-konvenut hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u jisthoqilha tigi milqugha.

<u>Komunjoni tal-Akkwisti</u>

Jirrizulta mill-provi illi l-komunjoni tal-akkwisti f'dan iz-zwieg tikkonsisti biss fid-dar matrimonjali cioe' flat bin-numru *omissis (indirizz)*. Dan il-flat huwa stmat li jiswa €88,500. Il-Qorti, b'applikazzjoni tal-Art. 48 tal-Kap. 16, qed tassenja sehem il-konvenut minn dan il-flat lill-attrici b'dana illi l-propjeta' tal-imsemmi fond tkun interament taghha. Il-Qorti tinnota li l-ghamara fl-imsemmi fond m'ghandha ebda valur li kieku kellha tinbiegh.

<u>Manteniment</u>

Peress illi ma ngiebu lill-Qorti ebda provi dwar qliegh li qed jippercepixxi l-konvenut, il-Qorti, u dan qed taghmlu arbitrio boni viri, qed tordna lill-konvenut jghaddi lill-konvenuta s-somma ta' mitt Ewro (€100) kull erba' gimghat bhala manteniment ghaliha.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija unika tal-konvenut.

2. Tordna lill-konvenut jghaddi lill-attrici s-somma ta' mitt Ewro (€100) kull erba' gimghat bhala manteniment ghaliha.

3. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

4. Tordna li l-fond Nru. *omissis (indirizz)* jigi assenjat fl-intier tieghu lill-attrici kif fuq spjegat. Il-Qorti qed tinnomina minn issa lin-Nutar Mary Grech Pace biex tippubblika l-att relattiv u qed tinnomina minn issa lil Dr. Margaret Mifsud biex tirraprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

5. Tordna li fil-fond fuq imsemmi tghix esklussivament l-attrici.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------